MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1/2005/1

**Matthew Vella**

**vs**

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

Il-Qorti,

Preliminari

Din hija talba ghal ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri) minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Ir-ritrattand kien ghamel applikazzjoni numru PA 763/01, fejn talab “biex fil-Bidnija, jibni farmhouse residenzjali”.

Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp kienet irrifjutat l-applikazzjoni tar-ritrattand.

Ir-ritrattand kien appella minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar li b’decizjoni taghha tal 4 ta’ Frar 2005, laqa’ l-Appell interpost u ordna li jinhareg il-permess taht certi kondizzjonijiet.

L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellat fil-21 ta’ Frar 2005, minn din id-decizjoni u b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-30 ta’ Marzu 2006, l-appell intlaqa’ u giet annullata d-decizjoni tal-Bord tal 4 ta’ Frar 2005, u rrinvjat l-atti lura lill istess Bord sabiex fid-dawl ta’ dak deciz fl-istess sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

F’dawn il-proceduri qed tintalab ir-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat 30 ta’ Marzu, 2006.

Decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell

Fid-decizjoni taghha l-Qorti ta’ l-Appell kienet ikkunsdirat iz-zewg aggravji ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kienu li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar applika hazin il-principji li jirregolaw l-eccezzjoni ta’ *res judicata*, u li l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu mar *ultra vires* peress li ma applikax it-*Temporary Provisions Schemes* u *policies* approvati ghaz-zona fejn jinsab is-sit in kwistjoni, u b’hekk agixxa kontra l-Artikolu 15 (12) u Artikolu 33 tal-Kap. 356 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-Qorti ta’ l-Appell kienet ikkonfermat d-decizjoni tal-Bord fis-sens li cahdet l-eccezzjoni tar-*res judicata* billi “ma jistax jinghad li z-zewg applikazzjonijiet PA 3801/98 u PA 0763/01 huma identici.”

Kwantu ghat-tieni aggravju l-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mar kontra d-dispozizzjoniojiet ta’ l-istess *Temporary Provisions Schemes*, u wkoll kontra l-*policies* u b’hekk ecceda l-poteri tieghu skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-imsemmi Artikolu 33 tal-Kap. 356, li jaghmilha mandatorja ghall-istess Bord li josserva tali skemi, u li ma hemm ebda eccezzjoni ghal zviluppi bhal dak propost.

Ritrattazzjoni

Ir-ritrattand qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Dan l-artikolu jipprovvdi li : “Kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza” u fis-subinciz (e) ta’ l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni “jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin”.

B’titolu ta’ kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu “jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.”

Ir-ritrattand qed isostni li d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell hi bbazata interament fuq l-applikazzjoni tal-*policies* fir-rigward tal-fattispecie tal-kaz ghalhekk isostni li l-Qorti applikat din il-materja bhala punt ta’ ligi konsegwentement isewgwi li l-applikazzjoni ta’ *policy* minflok ohra jfisser l-istess haga bhal applikazzjoni ta’ ligi minflok ligi ohra.

Ir-ritrattand jirritjeni li gie allegat mir-ritrattati li l-bini ta’ struttura barra minn zona ta’ zvilupp huwa permess sa 150 mk biss f’kazijiet meta t-talba tkun tikkoncerna estensjoni ta’ bini ezistenti u mhux binja gdida bhal dik odjerna u li fil-kaz ta’ l-izvilupp propost m’ghandux jeccedi “*total land area*” ta’ mhux aktar minn 100 mk. Fejn jissemma' li tali binja trid tkun ta’ mhux aktar minn 150 mk ma jissemma' xejn li si tratta ta’ estensjoni ta’ binja gia` ezistenti jew binja ghall kollox gdida kif prospettata fl-applikazzjoni odjerna. Inoltre r-ritrattand jirritjeni li l-Qorti ta’ l-Appell ibbazat id-decizjoni taghha fuq *policy* li titkellem fuq 100 mk meta fil-fatt kellha tapplika *policy* ohra li tippermetti zvillupp fuq 150 mk.

Ir-rittrattati jsostnu li r-ritrattand imkien ma indika liema hija l-ligi li skond huwa kellha tigi applikata fil-kuntest ta' dak l-aggravju .

Inoltre l-Qorti ta' l-Appell applikat l-istess provedimenti tal-Pjan ta' struttura u *policies* ohra applikabbili ghal *farmhouses* u *agricultural buildings* li applika l-istess Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar. Il-*policy* applikabbili kienet 1.7 li l-Qorti ta' l-Appell applikat u interpretat fid-decizjoni taghha

Ligi

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "*res judicata pro veritate habetur*". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi.

Ir-ritrattand qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 cjoe` meta "is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin".

Inoltre fil-kuntest ta' din il-kawzali nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jrid li "meta r-raguni (ghar-ritrattazzjoni) hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Gunju 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Micallet et noe. v. Godwin Abela et noe.** ghar-rigward ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12:

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok

dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin" . (Ara **AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.** App. 27/3/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri** App. 2/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et** App. 10/10/2003).

Tikkunsidra

Ir-ritrattand qed isostni li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin ghax applikat *policy* wahda minflok ohra, ghalhekk ligi wahda flok ohra.

Illi jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li l-Qorti kienet iddecidiet, *inter alia*, punt ta' dritt u cjoe` li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien mar *ultra vires* billi ma kienx applika l-*policies* applikabbili ghall-kaz kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li l-Bord ma setax jikkonsidra zewg *policies* li, flimkien, skond il-Bord, setghu jawtorizzaw il-bini fuq *area* ta' 150 mk meta fil-Guidelines fil para. 1:7 it-*total area* ma setax jeccedi 100 mk u l-*policy* fil-para. 8.2(iii) tad-*Development Outside Built-Up Areas* (1995) jitkellem dwar estenzjonijiet ta' bini ezistenti u mhux dwar bini gdid kif ukoll li ma hemm ebda eccezzjoni ghal zvilupp bhal dak propost mir-ritrattand.

Il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha interpretat il-*policy* 1.7 tal-*Policy & Design Guidance – Farmhouses and Agricultural Buildings*, kif japplika ghall kaz in ezami u ddecidiet li l-*policy* f'para 8 (2)(iii) ma setghetx tapplika f'dan il-kaz. Tali interpretazzjoni ma hiex bazi li fuqha tista' tintalab ir-ritrattazzjoni, anke jekk ir-ritrattand jidhirlu li

kienet interpretazzjoni kienet inkorretta. Il-ligi stess tipprovvdi dana meta tghid “basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni”. Dan hu dak li effettivament gara f’dan il-kaz.

Jirrizulta ghalhekk li l-Qorti ta’ l-Appell ma appplikatx ligi minflok ohra imma applikat u interpretat l-istess provedimenti tal-Pjan ta’ struttura u *policies* applikabbili ghal *farmhouses u agricultural buildings* li kien applika l-istess Bord ta’ l-Appelli.

Ghalhekk mill-qari tar-rikors ta’ ritrattand din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghar-ritrazzajoni fuq is-subinciz (e) ta’ l-Artikolu 811 ma tistax tirnexxi ghar-raguni li l-aggravju tar-ritrattand huwa indirizzat lejn l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-ligi applikabbili u li fuqha l-Qorti espressament tat decizjoni.

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-ritrattand ghas-smigh mill-gdid ta’ l-Appell
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------